Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 35/11 (JE).

Charmaine Debono

vs

Gava Interiors.

Illum, 8 ta' Marzu 2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Charmaine Debono tal-20 ta' Jannar 2011 fejn stqarret illi hija xtrat solar heater fit-30 ta' Novembru 2006 li għandu garanzija fuq stainless steel fejn kellu ħsara fis-sealing. L-attriċi allegat illi hija għandha garanzija li l-inner tank huwa kollu stainless steel u għalhekk talbet lill-konvenuta tonora l-garanzija. Qalet ukoll illi s-solar heater jiswa € 600 u l-konvenuta tagħtha skont ta' € 300.

Ra illi s-soċjetà konvenuta minkejja li ġiet debitament notfikata, baqgħet ma daħlietx risposta u għaldaqstant, hija kontumaċi.

Sema' l-provi tal-attriċi.

Ikkunsidra.

Illi l-attriċi kkonfermat illi hija xtrat solar heater fl-aħħar ta' Novembru 2006 b'garanzija sħiħa ta' 60 xahar u 300 xahar għall-istainless steel (ara Dok. CD). F'Awwissu 2010, beda ħiereġ l-ilma minn żewġ naħat u ġiet mitluba tħallas € 600 biex jinbidel it-tank, liema somma mbagħad tnaqset għal € 300. Irriżulta illi t-tank oriġinali ma kienx jissewwa u l-konvenut ta lill-attriċi tank temporanju illi qed jaqdi l-funzjonijiet tiegħu sewwa. Madankollu, il-konvenut naqas illi jbiddel it-tank għalkemm ġab wieħed ġdid sakemm jinqata' l-każ.

Illi l-attriċi esebiet il-garanzija in kwistjoni bħala Dok. CD. Illi l-garanzija esibita hija applikabbli fir-rigward ta' difetti fil-materjal u fix-xogħol. Illi jidher illi t-tank in kwistjoni żviluppa difett u dana qabel ma għaddew is-60 xahar koperti bil-garanzija. Għaldaqstant, jidher, u l-anqas m'hemm kontestazzjoni, illi t-tank tas-solar heater in kwistjoni kellu jinbidel mill-konvenut a spejjeż tiegħuu dana mingħajr ma jitlob ħlas addizzjonali.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-attriċi u jikkundanna lill-konvenut sabiex tbiddel it-tank tas-solar heater in kwistjoni għas-spejjeż tiegħu.

Bl-ispejjeż għas-soċjetà konvenuta.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.